**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0444/2023**

16.10.2023

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-attakki terroristiċi ta' stmellija mill-Ħamas kontra Iżrael, id-dritt ta' Iżrael li jiddefendi ruħu f'konformità mad-dritt umanitarju u internazzjonali u s-sitwazzjoni umanitarja f'Gaża
(2023/2899(RSP))

**Anna Fotyga, Angel Dzhambazki, Ryszard Czarnecki, Bert-Jan Ruissen, Charlie Weimers, Adam Bielan, Waldemar Tomaszewski, Witold Jan Waszczykowski, Andżelika Anna Możdżanowska, Assita Kanko, Anna Zalewska, Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová, Joachim Stanisław Brudziński, Hermann Tertsch, Bogdan Rzońca, Elżbieta Rafalska, Beata Kempa, Carlo Fidanza**
f'isem il-Grupp ECR

**B9-0444/2023**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-attakki terroristiċi ta' stmellija mill-Ħamas kontra Iżrael, id-dritt ta' Iżrael li jiddefendi ruħu f'konformità mad-dritt umanitarju u internazzjonali u s-sitwazzjoni umanitarja f'Gaża**
**(2023/2899(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet magħmula mis-7 ta' Ottubru 2023 mill-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kummissjoni dwar l-attakki terroristiċi mwettqa mill-Ħamas kontra Iżrael,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Ottubru 2023 li fiha ħabbret rieżami urġenti tal-assistenza finanzjarja tagħha lill-Palestina,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Ħamas huwa organizzazzjoni terroristika rikonoxxuta internazzjonalment li tħaddan vjolenza estrema; billi l-għan prinċipali ddikjarat tiegħu huwa li jeqred lil Iżrael; billi sa mit-twaqqif tiegħu kien responsabbli għal ħafna attakki suwiċida bil-bombi u attakki fatali oħra fuq persuni ċivili u suldati Iżraeljani; billi fl-1997 id-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti kklassifika lill-Ħamas bħala organizzazzjoni terroristika, li kienet segwita minn deċiżjoni simili mill-UE; billi fl-2005, Iżrael irtira kompletament minn Gaża, u ħalla l-amministrazzjoni tagħha f'idejn l-Awtorità Palestinjana;

B. billi minkejja li wettaq atti mdemmija u ġibed il-kundanna internazzjonali, il-Ħamas rebaħ l-elezzjonijiet parlamentari tal-2006 u fl-2007 ħataf b'mod vjolenti l-kontroll tal-Istrixxa ta' Gaża mill-Awtorità Palestinjana rikonoxxuta internazzjonalment; billi minn dak iż-żmien il-Ħamas ħa l-kontroll sħiħ fuq l-aspetti kollha tal-funzjonament tal-Istrixxa ta' Gaża; billi s-suċċess militari inizjali tal-Ħamas irriżulta f'żieda fil-popolarità tagħhom fost il-Palestinjani; billi skont stħarriġiet, il-maġġoranza tal-Palestinjani jappoġġaw ir-"reżistenza armata" kontra Iżrael;

C. billi Moska ilha tappoġġja b'mod operattiv, finanzjarju u politiku lit-terroristi Palestinjani mis-snin sittin; billi kien hemm bosta rapporti kredibbli dwar kuntatti mill-qrib bejn ir-reġimi Russi u Iranjani u l-Ħamas fil-ġimgħat ta' qabel l-attakk reċenti; billi l-uffiċjali tal-Ħamas żaru Moska mill-inqas tliet darbiet minn meta r-Russja invadiet lill-Ukrajna; billi l-għan tar-Russja kien li tiddevja l-attenzjoni tal-Istati Uniti mill-gwerra fl-Ukrajna u mir-reati ġenoċidali tagħha stess; billi t-Turkija u l-Qatar għandhom relazzjonijiet privileġġati mal-Ħamas; billi l-Ħamas huwa theddida ideoloġika u għas-sigurtà għal ħafna pajjiżi fir-reġjun; billi l-Ħamas stabbilixxa rabtiet mill-qrib ma' organizzazzjonijiet radikali Ewropej tax-xellug;

D. billi kmieni filgħodu tas-7 ta' Ottubru 2023, qrib il-50 anniversarju tal-attakk li beda l-

Gwerra tal-Yom Kippur, il-Ħamas nieda attakk awdaċi fin-Nofsinhar ta' Iżrael fuq l-art, fl-ajru u bil-baħar; billi l-Ħamas attakka lil Iżrael billi spara aktar minn 3 000 rokit, qered it-torrijiet ewlenin ta' sorveljanza u komunikazzjoni ta' Iżrael bl-użu ta' droni, tajjar diversi paragliders u qered iċ-ċint tal-fruntiera bejn Gaża u Iżrael; billi aktar minn 2 000 terrorista tal-Ħamas u terroristi Palestinjani oħra qasmu l-fruntiera u qatlu aktar minn 1 400 raġel, mara u tifel u tifla f'aktar minn 15-il villaġġ u belt u ħadu mill-inqas 155 persuna ostaġġi lejn Gaża, inklużi nisa, tfal żgħar u anzjani, inklużi persuni superstiti tal-Olokawst; billi t-terroristi Palestinjani qatlu ukoll mijiet ta' ċivili innoċenti f'festival tal-mużika fil-beraħ; billi dawk maqtula u dawk meħuda bħala ostaġġi kienu jinkludu għadd kbir ta' ċittadini barranin, inklużi ċittadini Ewropej; billi l-Ħamas allegatament ħejja b'mod metikoluż għall-attakk terroristiku u rċieva appoġġ mill-Iran;

E. billi eluf ta' Palestinjani f'Gaża u f'komunitajiet Palestinjani oħra u dijaspori madwar id-dinja ċċelebraw l-invażjoni tal-massa ta' Iżrael mill-Ħamas b'sejħiet għal aktar vjolenza u l-qerda ta' Iżrael; billi f'xi pajjiżi dawn il-protesti seħħew minkejja li kienu pprojbiti mill-awtoritajiet;

F. billi fost l-aktar atroċitajiet barbari mwettqa minn mijiet ta' terroristi Palestinjani kontra persuni ċivili u suldati Iżraeljani kien hemm il-qtil ta' ġenituri quddiem uliedhom u ta' tfal quddiem il-ġenituri tagħhom, il-qtugħ tal-irjus, inkluż ta' trabi, l-istupru tan-nisa, it-tortura, it-tbiċċir, il-ħruq sal-mewt u l-ħruq ta' djar u ta' proprjetajiet li kellhom persuni ħajjin fihom; billi l-Ħamas inizjalment irrekordja l-attivitajiet terroristiċi u l-atroċitajiet tiegħu u saħansitra xandarhom online, iżda wara li ġibed il-kundanna internazzjonali fittex li jiċħad li qatt wettaq dawn id-delitti; billi t-terroristi tal-Ħamas iddesakraw l-iġsma tal-Iżraeljani maqtula matul iċ-ċelebrazzjonijiet tal-massa tal-invażjoni tagħhom ta' Iżrael; billi l-Ħamas qed ikompli jispara b'mod indiskriminat mijiet ta' rokits kuljum lejn Iżrael, inkluż fi bliet u żoni ċivili ewlenin, u jimmira lejn iċ-ċivili filwaqt li jispara minn ġol-folol u l-infrastruttura ċivili, li t-tnejn li huma jammontaw għal delitti tal-gwerra;

G. billi l-Awtorità Palestinjana, l-Iran, ċerti stati Għarab u r-Russja ma kkundannawx l-atroċitajiet imwettqa mill-Ħamas; billi organizzazzjonijiet Palestinjani oħrajn, bħall-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina, inizjalment iġġustifikaw l-attakki u sejħulhom "rispons" għall-vjolazzjoni minn Iżrael tas-siti sagri tal-Insara u tal-Musulmani f'Ġerusalemm;

H. billi l-eks kap tal-Ħamas u l-mexxej attwali tal-uffiċċju tad-dijaspora tiegħu, Khaled Mashal, appella għal jum dinji ta' ġiħad; billi wara sejħiet bħal dawn f'bosta postijiet, ġew organizzati protesti madwar id-dinja b'appoġġ għat-terroristi tal-Ħamas, anki minkejja li l-espressjonijiet fil-beraħ ta' appoġġ għall-vjolenza brutali kienu pprojbiti; billi f'ħafna pajjiżi żdiedu t-twissijiet ta' theddid terroristiku;

I. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha kkundannaw bil-qawwa d-delitti mwettqa mill-Ħamas u talbu ripetutament il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha miżmuma f'Gaża; billi l-Ħamas juża flus ta' għajnuna biex jiffinanzja l-attivitajiet terroristiċi tiegħu u biex jirradikalizza lill-Palestinjani; billi fid-dawl tal-attakk terroristiku ta' stmellija tal-Ħamas kontra Iżrael, l-UE u ċerti Stati Membri, inklużi l-Iżvezja u ċ-Ċekja, iddeċidew li jirrevedu l-għajnuna tagħhom lill-Palestinjani;

J. billi l-emerġenza tal-Ħamas bħala waħda mill-organizzazzjonijiet Palestinjani ewlenin hija marbuta mat-tixrid tal-estremiżmu u r-radikalizzazzjoni lil hinn mill-fruntieri tal-Istrixxa ta' Gaża; billi l-Ħamas kiseb status u influwenza ġodda fost ħafna komunitajiet Għarab, inkluż fit-territorju tal-UE, iżda wkoll fil-Lvant Nofsani kollu, sal-punt li jista' jiddestabbilizza lil diversi gvernijiet;

K. billi l-Hezbollah, li huwa aġent tal-Iran fil-Libanu, spara rokits lejn Iżrael sabiex jipprovoka eskalazzjoni u jiftaħ it-tieni front fuq il-fruntiera tat-Tramuntana ta' Iżrael; billi l-Hezbollah iddikjara li se jingħaqad mal-Ħamas fi gwerra kontra Iżrael jekk Iżrael iniedi offensiva fuq l-art f'Gaża b'reazzjoni għall-attakki terroristiċi ta' stmellija reċenti tal-Ħamas; billi l-Hezbollah qed ikompli jżid it-tensjonijiet fil-fruntiera tat-Tramuntana ta' Iżrael, inkluż mis-Sirja, li hija influwenzata ħafna mill-Iran; billi l-Istati Uniti u r-Renju Unit ikkonfermaw li bagħtu appoġġ militari u ta' sigurtà għad-difiża ta' Iżrael, speċjalment fil-każ li l-Hezbollah jew l-Iran jibdew gwerra kontra Iżrael; billi Iżrael irreaġixxa b'restrizzjoni kontra l-aggressjoni tal-Hezbollah u l-Forzi tad-Difiża ta' Iżrael (IDF) iddikjaraw li mhumiex interessati li jiftħu front ġdid fit-Tramuntana;

L. billi kien hemm żieda qawwija fid-diżinformazzjoni u f'immaġnijiet qarrieqa li jfittxu li jibnu kontronarrattiva li tnaqqas u tirrifjuta l-barbarità tal-attakk terroristiku ta' stmellija tal-Ħamas u li jagħtu t-tort għaliha lill-Istati Uniti, Iżrael u l-Istati Membri f'tentattiv biex jiġġustifikaw tali atti faħxija;

M. billi fit-13 ta' Ottubru 2023, l-armata Iżraeljana ordnat liċ-ċivili Palestinjani jitilqu mill-parti tat-Tramuntana tal-Istrixxa ta' Gaża minħabba operazzjoni ppjanata mill-IDF biex jeqirdu lill-Ħamas sabiex jantiċipaw u jrażżnu l-għadd ta' vittmi innoċenti Palestinjani; billi Iżrael ħabbar żewġ rotot ta' evakwazzjoni mit-Tramuntana lejn in-Nofsinhar ta' Gaża, li kienu fil-mira ta' splużjonijiet u imblokki, allegatament mill-Ħamas, peress li l-Ħamas kien qed jipprova jwaqqaf lin-nies milli jitilqu mit-Tramuntana ta' Gaża; billi l-Ħamas qed juża persuni ċivili maħtufa bħala tarki umani; billi l-mexxejja tal-Ħamas ħabbru li se jibdew joqtlu persuni ċivili maħtufa jekk Iżrael jidħol f'Gaża; billi minn mindu bdiet il-gwerra, Iżrael evakwa aktar minn 70 000 persuna ċivili mill-fruntiera tan-Nofsinhar tiegħu ma' Gaża u mill-fruntiera tat-Tramuntana tiegħu mal-Libanu sabiex inaqqas il-vittmi ċivili f'każ li l-kunflitt ikompli jikber;

N. billi fil-15 ta' Ottubru 2023, il-Prim Ministru Iżraeljan Benjamin Netanyahu ddikjara li Iżrael ma kellu l-ebda intenzjoni li jibqa' fl-Istrixxa ta' Gaża wara ċ-ċiklu attwali tal-ġlied;

O. billi fid-29 ta' Awwissu 2021, l-organizzazzjoni mhux governattiva tal-Konferenza Popolari għall-Palestinjani Barra mill-Pajjiż ġiet formalment iddeżinjata bħala organizzazzjoni terroristika mill-Gvern Iżraeljan minħabba r-rabta tagħha mal-Ħamas;

P. billi mill-21 organizzazzjoni mniżżla fil-lista ta' terroristi stabbilita mill-UE, sebgħa huma Palestinjani, inkluż il-Ħamas; billi t-terroriżmu, l-inċitament u l-vjolenza mhumiex kompatibbli mar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt Iżraelo-Palestinjan; billi l-UE u l-komunità internazzjonali ripetutament irrikonoxxew id-dritt ta' Iżrael li jiddefendi lilu nnifsu kontra t-terroriżmu;

1. Jiddeplora t-terroriżmu u d-delitti tal-gwerra mwettqa mill-Ħamas kontra Iżrael u l-poplu Iżraeljan; jitlob li l-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar ikollu aċċess

immedjat għall-ostaġġi kollha, inklużi t-tfal, in-nisa u l-anzjani, u li l-ostaġġi kollha jinħelsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet; jenfasizza li d-dritt internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali jridu jiġu applikati f'kull mument; itenni d-dritt ta' Iżrael li jeżisti u li jiddefendi lilu nnifsu f'konformità mad-dritt internazzjonali; jirrifjuta bil-qawwa kwalunkwe ekwivalenza morali bejn l-attakk terroristiku tal-Ħamas u l-operazzjonijiet tal-armata Iżraeljana; jiddeplora l-użu mill-Ħamas kemm tal-Iżraeljani maħtufa kif ukoll taċ-ċivili Palestinjani bħala tarki umani;

2. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jipprovdu tagħmir ta' sikurezza, provvisti mediċi, kits tal-ewwel għajnuna u materjal ieħor ta' rispons għall-kriżijiet lil Iżrael;

3. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-fatt li l-Awtorità Palestinjana ma kkundannatx l-attakki terroristiċi reċenti u d-delitti tal-gwerra mwettqa mill-Ħamas kontra Iżrael u li xi personalitajiet tal-Fatah saħansitra appellaw lix-Xatt tal-Punent biex jingħaqad mal-vjolenza kontra Iżrael u l-poplu Iżraeljan; jistieden lill-Awtorità Palestinjana titbiegħed immedjatament mill-inċitament u mill-organizzazzjonijiet terroristiċi u tikkundanna l-avvenimenti reċenti bl-aktar mod qawwi possibbli;

4. Jesprimi tħassib serju dwar rapporti li l-pajpijiet tal-ilma ffinanzjati mill-UE ntużaw mill-Ħamas biex jipproduċu rokits biex jattakkaw lil Iżrael; itenni li l-ebda finanzjament tal-UE, la direttament u lanqas indirettament, ma jista' jmur għand organizzazzjonijiet terroristiċi, persuni affiljati ma' organizzazzjonijiet terroristiċi jew għal attivitajiet li jinċitaw il-mibegħda u l-vjolenza; jesprimi tħassib kbir dwar persuni affiljati ma' organizzazzjonijiet terroristiċi fil-lista tal-UE li kkandidaw ruħhom jew li jridu jikkandidaw ruħhom għal kariga politika Palestinjana; jilqa' t-tħabbira mill-UE u minn diversi Stati Membri, inklużi l-Iżvezja u ċ-Ċekja, li jwaqqfu u jirrieżaminaw l-għajnuna tagħhom għall-Palestinjani fid-dawl tal-avvenimenti reċenti;

5. Jistieden lill-UE, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tiżviluppa strateġija komprensiva mmirata biex twaqqaf ir-radikalizzazzjoni tal-Palestinjani żgħażagħ, kemm fis-soċjetà Palestinjana kif ukoll fil-komunitajiet Palestinjani u Għarab fl-Istati Membri; jiddeplora l-appoġġ għall-Ħamas, għat-terroriżmu u għall-inċitament għall-qtil fit-toroq Ewropej u minn ċerti partiti u personalitajiet politiċi fl-Ewropa; iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali jrażżnu l-appoġġ għat-terroriżmu tal-Ħamas u l-appelli għall-qtil tal-Lhud, l-Amerikani u l-Insara; jesprimi tħassib ulterjuri dwar l-attakki fuq in-negozji u n-nies Lhud fl-Ewropa fil-kuntest ta' żieda fl-antisemitiżmu fost gruppi speċifiċi f'ċerti Stati Membri;

6. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-interferenza tal-Iran u tar-Russja fil-Lvant Nofsani, inkluż permezz tal-appoġġ tagħhom għal prokuri bħall-Hezbollah, il-Ħamas u l-Ġiħad Iżlamika Palestinjana u r-reġim kriminali ta' Assad u l-proliferazzjoni tagħha ta' missili u droni sofistikati li jimminaw ukoll is-sigurtà Ewropea; jemmen li l-kunflitt, it-terroriżmu u l-instabbiltà fil-fruntieri ta' Iżrael jaffettwaw b'mod negattiv il-prospettivi għal riżoluzzjoni tal-kunflitt Iżraelo-Palestinjan; jistieden lill-UE tiddeżinja minnufih lill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika u lill-Hezbollah bħala organizzazzjonijiet terroristiċi b'mod sħiħ; jitlob li jiġu limitati l-missjonijiet diplomatiċi Iranjani fl-Ewropa minħabba l-involviment tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran fl-attivitajiet terroristiċi u l-appoġġ għalihom;

7. Jitlob li ssir investigazzjoni biex jiġu esposti u kkundannati l-kuntatti internazzjonali tal-

Ħamas, inkluż ma' pajjiżi bħar-Russja u l-Iran, iżda wkoll ma' movimenti radikali tax-xellug, u dwar l-appoġġ kontinwu li l-Ħamas jirċievi mid-dinja kollha biex ixerred it-terrur;

8. Jiddeplora l-inċitament għall-vjolenza, it-tifħir tat-terroristi, l-antisemitiżmu u d-diskors ta' mibegħda mgħallem fl-iskejjel ta' Gaża permezz tal-kotba tal-iskola tal-Awtorità Palestinjana u materjal addizzjonali żviluppat mill-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA), li huma mgħallma kemm fl-iskejjel tal-UNRWA kif ukoll fl-iskejjel immexxija mill-Ħamas f'Gaża; jenfasizza li l-awturi tal-attakk tal-Ħamas fuq Iżrael huma gradwati tas-sistema edukattiva ta' Gaża, li fiha jiġu mgħallma kotba tal-iskola u materjal edukattiv ieħor żviluppat bl-użu tal-fondi tal-UE; ifakkar li l-kotba tal-iskola mħallsa bil-fondi tal-UE jeħtieġ li jikkonformaw mal-istandards tal-UNESCO ta' paċi u tolleranza;

9. Jirrikonoxxi l-isforzi li saru minn Iżrael u minn ċerti stati Għarab biex jinnormalizzaw ir-relazzjonijiet diplomatiċi b'segwitu tal-Ftehimiet ta' Abram u jinkoraġġixxi n-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet ma' Iżrael minkejja l-attakk terroristiku ta' stmellija tal-Ħamas;

10. Jinnota r-rieda tal-Eġittu li jipprovdi għajnuna umanitarja permezz tal-fruntiera tiegħu ma' Gaża u li jipprovdi "passaġġ għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi"; jenfasizza li, fid-dawl tal-atroċitajiet u l-manifestazzjonijiet dokumentati b'appoġġ għall-azzjonijiet tal-Ħamas u l-appelli biex jinqatlu l-Lhud, l-Amerikani u l-Insara, huwa diffiċli li ssir distinzjoni ta' malajr bejn il-persuni ċivili innoċenti u l-faċilitaturi tat-terroriżmu, peress li t-terroristi Palestinjani spiss jinħbew fost il-popolazzjoni ċivili;

11. Jirrifjuta bis-sħiħ l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2023 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar ir-relazzjonijiet mal-Awtorità Palestinjana[1], li tinkludi sejħa biex jinħelsu l-priġunieri politiċi Palestinjani kollha, inklużi l-membri tal-Ħamas u ta' organizzazzjonijiet terroristiċi oħrajn;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Knesset u lill-Gvern ta' Iżrael, lill-President tal-Awtorità Palestinjana u lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan.

[1] Testi adottati, P9_TA(2023)0283.